MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2004

Avviz Numru. 49/2004

**Compleet IS Services Limited [C-23032]**

**vs**

**Euro Canadian Electronics Limited [C-24711]**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf, seba' mija u tlieta u sittin lira Maltin (Lm1,763) rapprezentanti prezz ta' prodotti li s-socjeta' konvenuta kienet ordnat u xtrat mis-socjeta' attrici u dan kif jirrizulta minn prospett anness datat 26 ta' Jannar, 2004, u mmarkat bhala Dok A. Nonostante illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex thallas dan il-bilanc, inkluz permezz ta' varji nterpellanzi verbali kif ukoll ittra legali datata 21 ta' Jannar, 2004, (Dok B), s-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta’ l-ittra legali datata 21 ta’ Jannar, 2004, u tal-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju li gie pprezentat kontestwalment ma’ l-Avviz ghas-smiegh u bl-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mit-30 ta’ Settembru, 2003, cioe’ d-data ta’ l-ahhar pagament akkont effeetwat mis-sjceta’ konvenuta, sad-data tal-pagament effettiv indikati kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Semghet lil Victor Ellul, in rapprezentanza tas-socjeta’ konvenuta fejn ammetta t-talbiet attrici.

Fuq l-iskorta ta’ din l-ammissjoni, tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------